

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-14 ta' Mejju 2019 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší správní soud, Conseil du Contentieux des Étrangers — ir-Repubblika Ċeka, il-Belġju) — M vs Ministerstvo vnitra (C-391/16), X (C-77/17), X (C-78/17) vs Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides**

(Kawżi magħquda C-391/16, C-77/17 u C-78/17) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Politika tal-ażil — Protezzjoni internazzjonali — Direttiva 2011/95/UE — Status ta' refuġjat — Artikolu 14(4) sa (6) — Rifjut ta' għoti jew revoka tal-istatus ta' refuġjat fil-każ ta' perikolu għas-sigurtà jew għall-komunità tal-Istat Membru ospitanti — Validità — Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 78(1) TFUE — Artikolu 6(3) TUE — Konvenzjoni ta' Genève)*

(2019/C 255/02)

Lingwi tal-kawża: iċ-Ċek u l-Franċiż

**Qrati tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud, Conseil du Contentieux des Étrangers

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: M (C-391/16), X (C-77/17), X (C-78/17)

Konvenuti: Ministerstvo vnitra (C-391/16), Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (C-77/17), X (C-78/17)

**Dispożittiv**

L-eżami tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ma wera ebda punt ta' natura li jaffettwa l-validità ta' dawn id-dispożizzjonijiet fid-dawl tal-Artikolu 78(1) TFUE u tal-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 350, 26.9.2016.  
ĠU C 144, 8.5.2017.